## Qorti Kriminali

**Imhallef**

**Onor. Vincent De Gaetano LL.D.**

**Att ta' Akkuza 12/2001**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**George Spiteri**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza numru 12/2000;

Semghet il-verdetti tal-gurati (inkluza r-risposta ghall-kwezit maghmul mill-Qorti) moghtija l-bierah li permezz taghhom sabu lill-imsemmi George Spiteri (1) bi **tmien voti favur u wiehed kontra hati** skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza, b'dan li l-gurati ddikjaraw ukoll li sitta mit-tmienja kienu moralment konvinti li l-attivita` saret bejn it-22 ta' Frar, 1994 u l-5 ta' Lulju, 1996 u anke wara l-5 ta' Lulju, 1996, mentri tnejn mill-gurati kienu moralment konvinti li l-attivita` saret bejn it-22 ta' Frar, 1994 sal-5 ta' Lulju, 1996; (2) **bi tmien voti favur u wiehed kontra sabuh mhux hati** skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; u (3) **b'sitt voti favur u tlett voti kontra sabu lill-istess George Spiteri mhux hati** li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-31 ta' Lulju, 1997;

Tiddikjara lill-imsemmi George Spiteri **hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina lil jew ghal xi persuna ohra bi ksur tal-ligi**, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah **mhux hati** skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza, cioe` mhux hati li zamm f'fond munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll **mhux hati** li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza tal-31 ta' Lulju, 1997 li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin minn dik il-gurnata, mill-liema akkuzi tilliberah;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni; semghet lill-Avukati Dott. Emanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran ghall-hati u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali; semghet ukoll lix-xhud prodott mill-hati, cioe` lil Samwel Cauchi; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-hati; hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-emendi introdotti bl-Att XVI ta' l-1996 gew fis-sehh fil-5 ta' Lulju, 1996;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d)(9) tal-Kap. 101; ir-regola 4 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939); u l-Artikoli 11, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi George Spiteri ghall-piena **ta' erba' (4) snin prigunerija**, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huma ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif **ukoll multa ta' elfejn lira (Lm2,000)**; tordna **l-konfiska** favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-hati George Spiteri ukoll jekk il-proprjeta` immobbli, minn meta huwa gie akkuzat, ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jinsabu f'xi post barra minn Malta (u dan skond l-Artikolu 22(3A)(d) aktar 'l fuq imsemmi).

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur